Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2016

**Salem Mohammed K Naddeb (appellat)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. B'avviz tal-11 ta' Frar 2015, l-appellant gharraf lill-appellat li l-applikazzjoni tieghu ghall-pensjoni tal-eta' (AP) giet michuda minhabba li, *"…. Il-valur kapitali tal-proprjeta tal-membri kollha tal-familja tieghek hu aktar minn EUR23,300 (tlieta w ghoxrin elf u tlett mitt ewro)*[1] *"*.

2. L-appellat appella quddiem l-Arbitru u l-appellant wiegeb:

   *"Illi din il-pensjoni tal-eta' giet lilu michuda ghar-raguni li minn dikjarazzjoni stess tal-appellant, ghandu kont bankarju gewwa l-Libja li jammonta ghall-ekwivalenti €38,000; apparti dan il-kont, l-appellant iddikjara minghajr ikkwantifika l-ammont li gab mieghu mil-Libja flus kontanti li bihom qieghed jghix hu u l-familja tieghu; illi meta wiehed iqies dawn il-fatti msemmija u mal-fatt li l-appellant qed ihallas kera fl-ammont ta' €7,800 fis-sena, ghalhekk id-Direttur ma setax ikun konvint li l-mezzi kapitali tal-appellant u tal-familja tieghu ma jeccedux il-limitu ta' €23,300, u dan kif stabbilit ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 u tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kapitolu 318)"*.

3. B'decizjoni tas-7 ta' Dicembru 2015 l-arbitru laqa' l-appell, fejn jinghad:

   *"In this particular case, the Department tendered his decision due to the fact that the appellant holds a bank account in Libya with money deposited to more than 38,000 Euros. From the evidence produced, it transpired that the Department was correct in its calculations and reasoning behind its decision, however it was also proved by the appellant that temporarily he cannot avail himself to any moneys because all his accounts are hit by a freezing order issued against him. The appellant was a General in the Libyan army and thus after the Libyan Revolution, the newly appointed administration issued freezing orders against anyone who served under the toppled rulers.*

   *In the circumstances and simply because the appellant presently does not have any financial assistance, the Umpire is upholding the appeal. The Umpire is however directing the Department to continue monitoring the appellant's situation, in that if it transpires that his accounts are no longer seized, he would no longer be entitled to social assistance"*.

4. L-appellant appella mid-decizjoni tal-Arbitru u lmenta li:

[1] Ara l-ewwel paragrafu tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda.

i. Fil-kaz in ezami s-somma li hemm f'bank Libjan mhijiex konfiskata. Ghalhekk hemm tama li l-flus ghad jergghu jkunu fil-pussess tal-appellat.

ii. Id-dokument relatat mal-iffrizar tal-assi, ma jifformax parti mill-atti. Fl-atti li kienu quddiem l-arbitru m'hemmx verbal li d-dokument gie pprezentat *animo ritirandi* u l-appellant qatt ma kellu l-opportunita li jezamina dak id-dokument.

iii. L-appellant ma ta l-ebda sodisfazzjon tal-ammont ta' flus li gab mieghu mil-Libja. Sahansitra qed ihallas €7,800 fis-sena bhala kera.

iv. Qed jirrestringi bil-kbir l-opportunitajiet ta' xoghol ghaliex qed ifittex ghal impieg fil-qasam tal-avjazzjoni.

5. L-appellat wiegeb.

6. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:-

i. F'Malta l-appellat, imwieled fil-21 ta' Dicembru 2012, inghata stat ta' refugjat b'sehh mit-28 ta' Gunju 2014. Fis-27 ta' Novembru, 2014 applika ghall-pensjoni non-kontributorja.

ii. Fl-applikazzjoni iddikjara li ghandu s-somma ta' cirka €38,000 f'kont bankarju f'bank gewwa Tripli, Libja. Ta d-dettalji tal-kont u spjega li ma jistax jaghmel uzu mill-flus minhabba li l-kont gie ffrizat mill-awtoritajiet fil-Libja. F'dan ir-rigward l-ufficjal tad-Dipartiment xehed, *"Due to political turmoil in Libya, appellant declared that he could not get these monies to Malta. I want to clarify that the Department was only given verbal information which was not corroborated by any documentary evidence"*. Ma kien hemm xejn x'izomm l-Arbitru milli jemmen lill-appellat li minhabba s-sitwazzjoni politika fil-Libja, ma kienx possibbli ghalih li jirtira l-flus mill-bank. Hu minnu li fid-decizjoni l-Arbitru ghamel riferenza ghal dokument *"…. issued by his bankers showing that the accounts of the appellant (have) really been hit by a freezing order"*, u mhuwiex car meta din il-prova giet prezentata. Jirrizulta li kienet saret seduta fit-18 ta' Settembru, 2015 li fiha nstemghu l-appellat u r-rapprezentant tad-Dipartiment, u fl-ahhar tal-verbal jinghad: *"The Umpire is hereby adjourning the case for another date and is giving the appellant the opportunity to obtain a copy of the freezing order issued in Libya in this regard. In the next sitting, appellant will be heard again about this issue"*. Imbaghad hemm kopja ta' avviz datat 13 ta' Novembru 2015 indirizzat lill-appellat fejn jinghad li ser issir seduta l-Gimgha, 27 ta' Novembru 2015. Mhux maghruf jekk dik is-seduta saritx peress li mhemmx verbal jew traskrizzjoni ta' xhieda. Pero' f'kull kaz, fuq bazi ta' probabilta' l-appellant, li hu refugat, ma kienx ser ihalli dawk il-flus kollha fil-Libja kieku verament seta'

jittrasferihom lejn Malta fejn jirrisjedi flimkien mal-familja tieghu. Inoltre fl-applikazzjoni, l-appellat iddikjara li l-flus huma *"blocked"*. Mhemmx prova li l-appellant kienu talbu prova dokumentarja u jidher li qabad u rrifjuta l-applikazzjoni minhabba li kkonkluda li l-kapital li ghandu l-appellat jaqbez il-massimu li tippermetti l-ligi. Decizjoni li fil-fehma tal-qorti mhijiex ragonevoli gialadarba fil-prezent l-appellat ma jistax jaghmel uzu mill-flus li ghandu fil-Libja.

iii. Fl-applikazzjoni jissemma wkoll li l-appellat ghandu, *"Lump sum brought over from Libya is diminished"*. Pero' m'hemmx dikjarat x'inhi s-somma. Fl-atti m'hemmx prova li meta l-appellant kien qed jipprocessa l-applikazzjoni, talab lill-appellat sabiex jiddikjara s-somma flus li ghandu fil-pussess tieghu. Ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli jitlob taghrif dwar il-flus li l-appellant kellu fil-pussess tieghu. Il-fatt li fl-applikazzjoni l-appellat iddikjara li ghandu flus li gab mil-Libja, ma jiggustifikax id-decizjoni tal-appellant li jirrifjuta l-applikazzjoni ghar-raguni li l-kapital tieghu hu aktar minn €23,300. Ukoll waqt il-proceduri quddiem l-Arbitru, kieku ried l-appellant kellu l-opportunita' li jaghmel id-domandi li seta' deherlu opportuni, izda ma jirrizultax li saru domandi f'dan ir-rigward. Il-qorti ma taqbilx mal-appellant li l-appellat *"…. ma jridx jaghti informazzjoni ta' kemm gab flus mieghu hawn Malta u kif qed isostni lilu nnifsu"*. Din hi biss allegazzjoni li ma gietx sostanzjata bi provi.

iv. Hu minnu li l-appellat jikri appartament gewwa tas-Sliema u jhallas kera ta' €650 kull xahar. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-appellat ghandu kapital iktar minn €23,300 fis-sena. Dwar dan ukoll waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni u wkoll quddiem l-Arbitru, l-appellant kellu kull opportunita' li jitlob taghrif minghand l-appellant. Haga li evidentement m'ghamilx.

v. L-appellant ser jaghlaq 64 sena. Skont il-ligi Maltija, ta' dik l-eta m'ghandu l-ebda obbligu li jimpjega ruhu. Il-hlas ta' pensjoni tal-eta (mhux kontributorja) m'hijiex kondizzjonata ghal xi prova li applikant ma jkunx sab xoghol (ara artikolu 66 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318). Fic-cirkostanzi l-argument tal-appellant li l-appellat qieghed "… *jirrestringi bil-kbir l-opportunitajiet ta' xoghol hawn Malta"*, hu ghal kollox irrilevanti.

7. Ovvjament l-appellant ghandu dritt li f'kull zmien jitlob minghand l-appellat taghrif li jqies li hu rilevanti biex jaccerta ruhu li l-appellat hu ntitolat li jircievi l-eta tal-pensjoni. Fejn l-appellat jonqos milli jikkopera billi per ezempju ma jwegibx ghas-sejha tal-appellant jew ma jatix taghrif, allura jkun qieghed

jesponi ruhu ghall-possibilta' li jitwaqqaf il-beneficcju (artikolu 97 tal-Kap. 318).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.